GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tas-sebgha u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 30 ta' Gunju 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.30 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 56**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni lill-MEPA kienet twasslet tard u issa din ser tigi diskussa fl-14 ta' Lulju 2009.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku qal li l-lapida kienet lesta u l-arblu wehel. Is-7 skaluni kienu qieghdin ghall-galvanizzar u ghandhom jehlu sa' l-inawgurazzjoni. Il-bieb tal-garaxx qed jinhadem ghand l-MSD. Huwa kompla jghid li sfortunatament mal-MEPA ma kien gie registrat l-ebda progress mill-ahhar laqgha 'l hawn. L-inviti lill-ghaqdiet u personalitajiet ohra kienu ntbghatu filwaqt li gie deciz li l-Kunsillier A. Muscat jiehu hsieb il-*catering* ghall-okkazjoni. Ser jitqabbad fotografu ghall-okkazjoni. Rigward il-fuljett bl-informazzjoni jekk dan ma jkunx lest sal-gurnata ta' l-inawgurazzjoni jitkompla wara. Huwa qal ukoll li waqt laqgha li kienet saret ma' membri tal-*Malta Command Group*, dawn kienu urew ix-xewqa li jorqdu fit-Torri mill-lejl ta' qabel sabiex fil-ghodu jisbhu fuq il-post u ma jkollomx hafna affarijiet xi jgorru. Dan kollu gie approvat unanimament.

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku issuggerixxa li ssir laqgha ma' Bitmac Ltd. sabiex tigi diskussa l-istima li originarjament konna inghatajna. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Gie deciz ukoll li ghandna nsegwu mill-qrib x'qed izomm il-permess milli johrog mill-ADT u dan sabiex ix-xoghol ikun jista jibda kemm jista jkun malajr.

**3.4** ***Para 3.6 – Jum il-Gharghur 2009:*** Rigward il-kuncert tal- 15-il Sena Anniversarju ta' Gvern Lokali, l-Vici-Sindku nforma li s-Socjeta Filarmonika San Bartilmew kienu talbu € 1747 ghas-servizz taghhom ghall-Kuncert li ser isir fl-10 ta' Lulju. Il-Kunsill unanimament accetta din l-istima. Il-Vici Sindku informa li l-kantanti Ritianne u Ludwig kienu ser jiehdu sehem fil-kuncert u kienu talbu € 117 kull wiehed. Hu qed jiehu hsieb il-programm u informa li jekk is-Sinjura Marie Briguglio ma tkunx tista tipprezenta hu kien ser jghid lil Elaine Muscat.

Rigward il-harga ghat-tfal il-Kunsillier P. Fenech informa li t-trasport ghat-tfal kien ser jiswa € 75 u ser jigi pprovdut minn Koptaco.

Rigward il-harga ghall-anzjani l-Kunsillier A. Muscat informa li t-trasport kien ser jiswa € 70 u kien ser jigi pprovdut mis-Sur Pacik Xerri.

Rigward l-attivita' ta' Jum il-Gharghur, il-Vici Sindku ikkonferma li l-kantanti kollha kienu kkonfermaw l-attendenza taghhom ghas-serata ta' Jum il-Gharghur filwaqt li Transient kienu kkonfermaw li ma kienx hemm problemi ghad-dawl ta' l-okkazjoni. Il-Vici-Sindku ser jiehu hsieb din l-attivita' kif ukoll l-arrangament ghall-quddiesa.

Rigward l-attivita' ghall-ex/Kunsillieri, l-Kunsillier A. Muscat offra li jiehu hsieb il-*catering*.

Rigward l-esebizzjoni tal-knejjes, il-Kunsillieri P. Fenech ser jiehu hsieb ilesti c-certifikati u l-*catering*.

Dan kollu gie unanimament approvat.

**3.5** ***Para 3.7 – Ftuh ta' xelter:*** L-Agent S.E. informa li inkonnessjoni mat-talba taghna ghad-devoluzzjoni tax-Xelter, id-Dipt. ghall-Gvern Lokali kien talab pjanta tal-post u li din kienet ser tintbghat ghada. Dwar il-bieba tax-xelter il-Kunsill rega ikkunsidra l-posizzjoni tieghu wara li nkiseb parir professjonali u issa gie unanimament deciz li jkun ahjar jekk il-bieba tkun soda sabiex vetturi jkunu jistghu jipparkjaw fuqha u dan sabiex ma jintilifx post ta' parkegg. Il-Kunsillier A. Muscat ser jiehu hsieb igib stima.

**3.6** ***Para 3.10 – Talba ghad-danni:*** L-Agent S.E. informa li huwa kien kellem lis-resident li allegatament kien sofra danni meta fanal waqa fuq il-vettura tieghu u dan ma accettax l-offerta tal-Kunsill ta' € 200 ghall-ispejjez involuti peress li huwa qal li ghandu xhieda li jistghu jikkonfermaw li raw il-fanal jaqa fuq il-vettura tieghu. Fid-dawl ta' dan l-izvilupp gdid, l-Agent S.E. intalab sabiex jitlob lir-resident jipprovdi x-xhieda permezz ta' affidavid li tkun tikkonferma li raw il-fanal jaqa fuq il-vettura. Meta jkollna din l-informazzjoni, l-Kunsill jikkunsidra mill-gdid it-talba ghad-danni.

**3.7** ***Para 3.11 – Ktieb mixjiet fir-rahal:*** Is-Sindku nforma li huwa kien iltaqa ma' Dun Karm Bezzina u dan kien offra li jaghmel il-*proof reading* tal-verzjoni bil-Malti tal-ktieb. Il-Kunsill kien ser jinforma lis-Sur Giljan Bezzina b'dan l-izvilupp.

**3.8** ***Para 3.13 – Tindif fi Triq Ghaxqet l-Ghajn / Sqaq il-Hofra :*** Is-Sindku nforma li l-materjal kien tnehha kif approvat fl-ahhar laqgha u issa konna qed nitolbu kwotazzjonijiet sabiex isir il-qtugh ta' haxix fl-inhawi minn kuntratturi privati.

**3.9** ***Para 5.2 – Zvilupp fi Triq Fidiel Zarb:*** Is-Sindku nforma li wara li l-Kunsill kien baqa jircievi lmenti dwar hmieg li halla warajh il-kuntrattur konna hadna ritratti tal-post u bghatna kopja taghhom lill-Awtorita' tax-Xandir peress li l-izvilupp kien qed isir fi propjeta ta' l-istess Awtorita'.

**3.10** ***Para 6.4 – Sub-Station Enemalta fi Triq 31 ta' Marzu:*** l-Agent S.E. informa li konna ghadna rridu niktbu lid-Dipt. ta' l-Artijiet dwar il-kaz.

**3.11** ***Para 7.4 – Laqgha mal-Kappillan :*** Is-Sindku nforma li l-laqgha kienet saret u kienet wahda kordjali hafna fejn bazikament il-Kappillan ikkonferma li l-Kunsill kien ser ikollu x-xahar kollu ta' Lulju 2010 allokat ghalih specifikament sabiex matulu jkunu jistghu jigu organizzati l-attivitajiet marbuta ma Jum il-Gharghur 2010 u dan minghajr ma jinholoq

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

konflitt mal-programm ta' festi centinarji organizzati mill-Parrocca.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Ilment dwar karru taz-zwiemel li thalla ipparkjat fi Triq Gargallo. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jinvestiga dan l-ilment u f'kaz ta' bzonn ghandu jsir rapport lil Pulizija.

**5.2** Talba verbali sabiex issir mera fi Triq Naxxar kantuniera ma' Triq Caravaggio sabiex tiffacilita' l-hrug ta' vetturi minn garaxx privat. Gie unanimament deciz li din it-talba ma tintlaqax peress li meta l-vetturi jkunu hergin mill-garaxx imsemmi dawn jistghu facilment jaraw il-karozzi li jkunu qed iduru mar-*roundabout* jew gejjin minn Triq Caravaggio. Ukoll din il-mera jekk issir mhux ser tkun ta' beneficcju ghal-pubbliku in generali izda ghas-sidien ta' garaxx partikulari.

**5.3** Talba verbali sabiex jitnaqqas it-tul ta' *Double Yellow Line* li hemm fi Triq Caravaggio. Din it-talba unanimament ma gietx approvata peress li giet meqjusa bhala mhux gustifikata.

**5.4** Talba verbali sabiex Triq ic-Cawl issir *One Way*. Din it-talba unanimament ma gietx approvata peress li ma giet meqjusa bhala mhux gustifikata.

**5.5** Talba verbali sabiex jitnehhew *pots* tal-qsari minn Triq ic-Cawl. Gie unanimament approvat li dan l-ilment ghandu jitressaq ghall-attenzjoni tal-Pulizija mill-persuna li ghamlet l-ilment.

***Fuq talba tal-Kunsillier A. Muscat, il-Kunsill unanimament qabel li jiddiskuta Item 7 fuq l-Agenda qabel Item 6 peress li hu kellu bzonn ihalli l-laqgha.***

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Is-Sindku nforma li kien inxtara fanal gdid sabiex jinbidel ma dak ta' sqaq fi Triq Mons L Catania. Dan gie unanimament approvat.

**7.2** Fuq talba tal-Kappillan, il-Kunsill kien ser jaghmel kuntatt mal-Bank of Valletta dwar l-installazzjoni ta' l-ATM fil-Pjazza.

**7.3** Gie diskuss ir-rapport ippreparat mill-iskrivani tal-Kunsill rigward il-*Petty Cash.* Il-Kunsill innota li xi l-istaff ma kienux imxew mal-proceduri stabbiliti' u naqsu ukoll li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex iharsu b'diligenza l-*Petty Cash.* Gie innotat ukoll li s-Sindku / Kunsill ma kienx gie infurmat immedjatament bl-incident.

Il-Kunsill filwaqt li ghamel rakkomandazzjonijiet sabiex incidenti simili ma jigux ripetuti – fost l-ohrajn li l-istaff tal-Kunsill ghandhom ikollhom kaxxa tal-*Petty Cash* separata li tkun kontinwament taht il-kontroll taghhom (access ghall-kaxxa ikun limitat biss ghall-istaff responsabbli) – gie unanimament deciz li s-*Senior staff* li kienet responsabbli mill-

ufficcju dak in-nhar ta' l-incident tinghata *warning.*

***Il-Kunsillier A. Muscat halla l-laqgha fit-8:00 p.m. minhabba mpenji ohra.***

**7.4** Gie unanimament deciz li resident li sofra xi hsara fil-propjeta' tieghu minhabba fanal tad-dawl jinghata kumpes kif mitlub ta' € 9.50

**7.5** Gie unanimament deciz li jingiebu kwotazzjonijiet sabiex jigu iccekjati l-fanali dekorattivi kollha.

**7.6** Is-Sindku informa li l-Awdituri kienu ipprezentaw il-*Management Letter* u l-*Audited Accounts* ghas-sena finanzjarja li ghalqed fil-31 ta' Marzu 2009. Dawn bhalissa qed jigu riveduti u ser jitressqu ghall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss.

**6 Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Memo 37/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Garanzija Bankarja fuq Xoghlijiet ta' Zvilupp.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Memo 38/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Kodici Dwar l-Ahjar Prattici Ghall-Gvern Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar laqgha dwar il-Kuntratt tal-Gwardjani.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li niccekkjaw ma' l-AKLM dwar jekk l-istedina sarietx fuq bazi ta' Kunsill jew ta' Kumitat Kongunt.

**6.5** Korrispondenza minghand is-segretarja tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar l-iSkema Accessibilita Ahjar fil-Lokalitajiet dwar xi nformazzjoni addizzjonali li hemm bzonn li tintbghat.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li din tigi riferuta lil-Perit Janice Zahra.

***Il-laqgha ntemmet fit-8.15 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 14 ta' Lulju 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **14 ta' Lulju 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |